# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 262/98</u>***

***Pulizija***
***Supt. Nichalas Ciappara***
***v***
***Jimmy(John Mary)Chircop***

Illum 4 ta’ Frar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***<u>Akkuzi</u>***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Jimmy Chircop huma bazati fuq is-segwenti reati:

1. **Pussess Illegali (semplici)** tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis;

2. Talli **dahhal id-droga fil-konfini tal-habs** ta’ Kordin;

3. **Recidivita’**;

4. **Ksur tal-kondizzjoni ta’ sentenza sospiza**

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fil-31 ta' Mejju 1998, d-detenuti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gew eskortati lura f' din il-Facilita' wara li kienu ttiehdu l-knisja ta' Ghajn Dwieli fejn kien hemm wkoll membri tal-familja taghhom u hbieb taghhom. Kif d-detenuti, fosthom l-imputat, regghu ddahhlu fil-konfini tal-habs saret tficcija fuqhom skond il-procedura normali. Jidher li minn din it-tficcija ma nstab xejn irregolari fuq l-imputat.

Illi ftit sekondi wara, saret tficcija ohra fuq il-persuna tieghu, stante li wiehed mill-correctional officers, u cioe' CO-52 Patrick Xuereb, gieh suspett hazin minhabba certu movimenti li skond hu ra lill l-imputat jghamel. Rizultat ta' din it-tieni tficcija insabet bicca sustanza fuq il-persuna tal-imputat, li rrizultat li kienet raza tal-cannabis f' ammont nett totali ta' 0.190 grammi.

Illi l-imputat gie interrogat izda ghazel li ma jwiegibx ghad-domandi li sarulu.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi mill-kumpless tal-prova rrizulta ampjament li l-imputat meta kien detenut il-Habs u fil-konfini tal-Habs instab fil-pussess illegali tal-imsemmija raza tal-cannabis; u ghalhekk l-ewwel akkuza tinsab pienament sodisfatta.

Illi rigward it-tieni akkuza, il-Qorti hi tal-fehma li jesisti dubbju ragjonevoli dwar l-esistenza tar-reat li fuqu hija bazata din l-akkuza. Dan id-dubbju jorigina mill-fatt li <u>qabel</u> ma saret it-tieni spezzjoni mill-imsemmi correctional officer, kienet diga saret tficcija ohra ftit tal-hin qabel, minn zewg correctional officers. Illi l-ewwel tficcija rrizultat fin-negattiv, mentri id-droga instabet fit-tieni tficcija. Id-domanda li timponi ruhha f' dawn ic-cirkostanzi hija s-segwenti*: Jekk verament kien l-imputat li dahhal ir-raza fil-*

*Habs, allura kif jigi spjegat li* ***fl-ewwel tficcija*** *li saret ma kienitx instabet fuqu ?* Inoltre ma giex provat li fil-frattemp bejn iz-zewg tficcijet li saru, l-imputat ma kkomunika ma hadd lanqas ma detenuti ohrajn. Wiehed jissuspetta li dan ma sarx, izda il-Qorti tosserva li fil-kamp penali l-fatti jridu jigu pprovati mhux prezunti.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li din l-akkuza ma gietx sodisfacentement provata skond il-ligi, stante li ma giex provat minghajr dubbju ragjonevoli li r-raza effettivament kienet iddahhlet mill-imputat.

Illi rigward it-tieni akkuza, din giet sodisfacentement provata skond il-ligi; kif ukoll giet provata r-raba akkuza. Fil-fatt irrizulta li permezz ta' sentenza fl-istess ismijiet mghotija minn din il-Qorti fit-18 ta' Lulju 1997, l-imputat kien gie misjub hati tar-reat ta' Ricettazzjoni u kien gie kkundannat seba xhur prigunerija sospizi ghal erba snin. Ghaldaqstant jirrizulta provat li r-reat in disamina sari fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

***<u>Piena</u>***

Illi in kwantu ghall-piena l-Qorti hija tal-fehma li tenut kont **tan-natura tar-reat** li gie attribwit lill-imputat kif ukoll tal-fatt li jidher li dana ghandu **problema tad-droga** li qeda tkompli tigbdu lejn attivita' kriminuza, il-Qorti thoss li m' ghandhiex timponi piena fuq l-imputat imma ghandha tpoggih that supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghal certu tul ta' zmien.

A bazi tal-istess konsiderazzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li m' ghandhiex tordna li l-piena sospiza tigi fis-sehh, izda ghandhu jkun hemm varjazzjoni tal-Ordni Originali kif kontemplat fl-Artikolu 28B (2)(b) tal-Kap.9

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-ewwel, it-tielet u r-raba akkuzi, u wara li rat r-regolament 8 tal-GN 292/39, u l-Artikoli 17, 49 u 50 u 28B (2)(b) tal-Kap.9; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon ghal zmien tlett snin*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-kondizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess..

Inoltre tipprovdi billi tvarja l-ordni ta' sospensjoni originali mghotija permezz tas-sentenza fuq indikata billi tissostitwixxi l-perijodu operattiv originali ***ghal perijodu ta' tlett snin mid-data ta' dan il-gudizzju***

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmi provvediment.

Ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***

***Vera Kopja***

***Bruno Zahra***
***Deputat Registratur***